repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Is-Sur Charles Deguara
Awditur Ġenerali
Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601
Malta

2 ta' Settembru 2019

Sur Deguara,

Ġimgħa ilu deheru rapporti fil-media lokali (https://timesofmalta.com/articles/view/mfsa-official-paid-thousands-to-leave-re-employed-weeks-later.730726), li uffiċjal għoli ferm fi ħdan il-Malta Financial Services Authority li kien id-Direttur tal-Human Resources, tħallas *early retirement package* ta' iktar minn €150,000 biex ftit ġimgħat wara ġie impjegat, bl-istess kariga u bl-istess xogħol iżda b'inqas responsabbiltà, mir-Regstry of Companies Agency li sa ftit ġimgħat qabel (dan ir-reġistru) kien parti mill-istess MFSA. Sallum dawn ir-rapporti ma ġewx miċħuda.

Fl-imsemmija rapporti jinsab allegat illi:

a) Il-flejjes li tħallsu lil George Spiteri sabiex jieħu l-*early retirement*, li jirriżulta li huma aktar minn mija u ħamsin elf Ewro (€150,000), tħallsu minn fondi pubbliċi;

b) Impjegati oħra tal-istess MFSA li kienu jaħdmu fir-Registry of Companies kienu sempliċement trasferiti fuq il-kotba tal-Agenzja l-ġdida bl-istess responsabbilitajiet, filwaqt li lis-Sur Spiteri naqqsulu qatigħ ir-responsabbilitajiet tiegħu; u

c) Minn meta inbiddlet it-tmexxija tal-MFSA s-sena li għaddiet, l-MFSA ħallset iktar minn miljun Ewro (€1,000,000) f'hekk imsejħa *golden handshakes* bejn għaxar persuni biss, li pero' ħadd minnhom ma kien impjegat mill-ġdid ma' xi entità li kienet tagħmel parti mill-MFSA bħas-Sur Spiteri.

In vista tal-Kap. 396 li jwaqqaf l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, in vista tal-poter tiegħek li tibda *audit* anke fuq inizjattiva personali tiegħek, u peress li hawn si tratta fl-aħjar ipoteżi ta' użu mhux ekonomiku, effettiv u effiċjenti ta' flejjes pubbliċi, u fl-agħar ipoteżi tar-reat ta' storn taħt il-Kodiċi Kriminali, jew kompliċità fih (Art.127 tal-Kap. 9)[1], u peress li dan il-każ ma jaqax taħt il-mansjoni la tal-Public Service Commission u lanqas ta' ebda enità oħra, Repubblika tista' biss tirrikorri għandek.

Għaldaqstant, filwaqt li minn issa Repubblika qed tqiegħed lilha nnifisha għad-disposizzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għal għoti ta' iktar dettalji li ser jgħinu lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-

[1] Eventwalità li tista' tikkristalizza biss wara li tingħalaq din l-investigazzjoni u jinstemgħu xhieda mill-NAO

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com

Verifika fil-kors ta' din l-investigazzjoni, f'isem Repubblika qed nitolbuk formalment tibda investigazzjoni fuq ir-rapport hawn fuq elenkat, u tirraporta dwaru skond il-Ligi.

Dejjem tiegħek,

**Marion Pace Asciak**
President

**Dr Robert Aquilina**
Segretarju tal-Kumitat Eżekuttiv